# Joseph de Piro Middle School for Girls

*Joseph De Piro Middle School twaqqfet mil-Fathers tagħna numru ta' snin ilu. U twaqqfet f'żona mill-iktar fqira ta' Juhannabad, 'l barra mill-belt ta' Lahore. F'Juhannabad jgħixu flimkien numru kbir ta' nsara Paksitani, kemm kattoliċi u kemm protestanti. L-iskola tagħna hi f'raħal żgħir imdawwar b'għelieqi, u jismu Asif Town 2.*

F'iż-żona ta' Juhannabad, ma hawnx skola waħda tal-gvern, u għalhekk hawn mas 70 skola zgħira privata. Biss ħafna tfal ma jmorrux skola. Ftit ġimgħat ilu fuq ġurnal lokali bl-ingliz "The Dawn" qal li ċifri uffiċċjali juru li nofs it-tfal tal Pakistan, iġifieri 70 miljun ma jmorrux skola.

Għalhekk il-gvern ta' hawn daħal fi ftehim mal-World Bank u twaqqfet NGO apposta li jsimha PUNJAB EDUCATIONAL FOUNDATION [PEF], biex jgħinu fit-tgħalim. Din tistabbilixxi hi l-livelli meħtiega ta' l-eduakzzjoni.

L-iskola tagħna ġiet accettata biex tagħmel parti minn dan il-programm, peress li l-ħaqna il-kriterji u l-livelli stabbiliti. Allura mingħand il-PEF, għal kull student/a, l-iskola tagħna tircievi €3 KULL XAHAR! B'dawn il-flus aħna rridu nħallsu lill-għalliema kif ukoll inkopru l-ispejjeż kurrenti kollha. X'għamel bi €3 fix-xahar?!

Magħna għanda lill-Medical Missionary Sisters li joffru lit-tfal 'Nutrional Programme', billi lit-tfal kollha jagħtuhom bajda u frotta ta' l-inqas darba fil-ġimgħa. Għat-tfal, dan lussu li d-dar ma jsibuhx! Għandna wkoll lill-Holy Family Sisters li iżuru l-familji ħalli jinkoraġġixxu lill-ġenituri jibgħatu t-tfal l-iskola

Inizjattiva ġdida li ser ngħamlu mis-sena ddieħla, hi li ser nistiednu numru ta' tfajliet lura l-iskola. Dawn it-tfajliet ikollhom joqgħodu d-dar biex jieħdu ħsieb ħuthom iż-żgħar waqt li l-ġenituri jmorru jaħdmu, u



Il-bini tal-blokk il-ġdid

għalhekk ikollhom jieqfu mill-iskola. Allura fil-blokk il-ġdid li qed jinbena, bis-saħħa tac-CAM youths,(mssp) taħt it-tmexxija ta' Fr Karm Debattista mssp, li ġabu fondi għalieh, ser niprovdulhom programm ta' studju għalihom filwaqt li jkunu jistgħu jġibu lil ħuthom iż-żgħar magħhom l-iskola fejn ser ikun hemm min jieħu ħsiebhom. Aħna ċerti li permezz ta' din l-inizzjattiva, mis-sena d-dieħla, numru minn dawn it-tfajliet ser jerġgħu lura l-iskola, u ser tkun ta' għajnua għall-familji fqar.

Kif ser naslu.? Ser inħallu f'idejn il-providenza t'Alla, iġifieri f'idejkom, speċjalment bil-maratona OĦLOQ TBISSIMA li issir kull sajf . Minn issa ngħidu, Grazzi mill-qalb lic-CAM u lilkom benefatturi.

Fr. Gerard Bonello mssp

## L-Aħjar investiment biex flusek jibqgħu jagħmlu l-ġid għal dejjem

Kull sengħa għada l-għodda tagħha. Bla dubju ta' xejn l-għodda li juża is-saċerdot hija l-kotba. Fil-librerija tagħna wieħed ġa jsib ħafna kotba interessanti. Imma biex wieħed izomm lilu nnifsu up to date irid jixtri kotba ġodda u dawn dejjem ħerġin.

Int, tista' tkun Fundatur tal-librerija tagħna. Tagħmel dan billi tagħti donazzjoni ta' 117 Ewro darba biss. Din is-somma inpoġġuha l-bank u bl-imgħax ta' kull sena nixtru l-kotba.

Ma kull ktieb li jinxtara titwaħħal lable b'isemek u b'talba għalik. B'hekk flusek jibqgħu jagħmlu l-ġid ukoll, wara mewtek.






Jannar 2011 / Għadd 454 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

## Il-Viżta Kanonika

*Is-Superjur Ġenerali, Fr Bernard Mangion, bħalissa qed jagħmel dik li nsejħula il-"Vizta Kanonika" lill-komunitajiet tagħna.*

Din ssir darba kull tliet snin, u matulha s-Superjur ikollu l-okkażżjoni li jiltaqa' mal-membri kollha tal-MSSP individwalment, jara l-ħidmiet li qed isiru, u jiltaqa' mal-isqfijiet tal-postijiet fejn qegħdin jaħdmu l-membri tagħna u mal-ħafna nies li jgħinuhom jew jaqsmu magħhom fil-missjoni fejn qegħdin. Dan jagħtih idea ċara ta' kif sejrin l-affarijiet u xi bżonnijiet hemm fid-diversi missjonijiet tas-Soċjetà.

Din id-darba s-Superjur beda l-viżta tiegħu mill-Pakistan, akkumpanjat minn Fr Martin Galea, membru tal-kunsill ġenerali. Din il-viżta hija mmarkata wkoll biċ-ċelebrazzjonijiet tal-mitt sena tas-Soċjetà li saru fil-parroċċa tal-Konverzjoni ta' San Pawl, f'Yuhannabad. Din hija parroċċa relattivament ġdida u qegħda tikber mhux ħażin. L-Arċisqof ta' Lahore, Mons Lawrence Saldanha, mexxa ċ-ċelebrazzjoni. Fid-diskors tiegħu kkummenta kemm baqa' mpressjonat bl-ispirtu ta' komunità li fi zmien tant qasir il-membri tagħna rnexxilhom joħoloq .

Minn hemm is-Superjur għadda għall-Filippini, din id-darba, akkumpanjat minn Fr Mario Micallef, Vigarju Ġenerali. Hawnhekk f'Manilla, barra li għanda dar li x-xogħol prinċipali tagħha huwa l-Campus Ministry ta' żewġ universitajiet tal-istat, għandna wkoll, il-komunità tal-Formazzjoni Internazzjonali, kif ukoll parroċċa ftit il-bogħod miċ-ċentru, f'Bataan. Dan l-aħħar tajna bidu wkoll għall-programm tal-formazzjoni lokali għal dawk iż-żgħażagħ Filippini li jkunu jixtequ jħaddnu l-ħajja missjunarja tagħna. Għall-grazzja t'Alla hawn is-superjur innota spirtu sabiħ ħafna bejn il-membri, li jagħti tama kbira għall-futur tas-Soċjetà tagħna f'din il-parti tal-Asja.

Wara l-Filippini kien imiss l-Awstralja. Il-Viżta bdiet fi New South Wales, fejn għandna żewġ ċentri għall-emigranti (f'Sydney u Blacktown) u parroċċa f'Horsley Park. Din il-parroċċa nzertat qed tiċċelebra wkoll il-50 sena mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkazzjoni kien preżenti l-Kardinal George Pell, Arcisqof ta' Sydney. Minn hemm għaddejna għall-istat ta' Victoria, fejn il-membri tas-Soċjetà jieħdu ħsieb iċ-ċentru tal-Maltin f'Parkville u żewġ parroċċi – North Sunshine u Hoppers Crossing. Hawnhekk ukoll konna preżenti għaċ-ċelebrazzjoni taċ-ċentinarju tas-Soċjetà. Wara programm imżewwaq minn aspetti differenti tal-ħajja tal-MSSP, kien hemm quddiesa ta' ringrazzjament għal dawn il-mitt sena, immexxija mill-Arċisqof ta' Melbourne Denis Hart.

*ikompli f'paġna 2*



Is-Superjur Ġenerali mall-komunità formattiva f'Manilla



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Ġużeppi De Piro - Awtobiografia qasira

Li kieku Ġużeppi De Piro kellu jikteb il-ħajja tiegħu stess żgur li ximkien fil-bidu kien jikteb dawn il-kelmiet:

"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni biex:

inkun missier u omm għall-ħafna tfal tal-istituti tal-Knisja;

ngħin lill-familji tal-istess tfal tal-Orfanatrofji;

nibqa' nsegwi l-ħafna żgħażagħ wara li jħallu dawn l-istituti;

noħloq assistenza soċjali għad-diversi ħaddiema f'dawn l-istituti, fl-iskola tal-Katidral u fis-Seminarju Maġġuri tal-Imdina; imwieżen fil-ħtiġijiet tagħhom lil ħafna tfal u żgħażagħ tal-Oratorju ta' B'Kara; nara li l-kjeriċi fis-Seminarju tal-Imdina ma jkun jonqoshom xejn; inkun verament missier għall-membri tas-Socjetà missjunarja tiegħi; ngħin lil dawk kollha li jiġu jittallbu l-karità; nagħti sehmi biex il-ħaddiema Maltin jistgħu jaqilgħu paga ġusta; inħabrek biex il-familji Maltin igħixu ħajja deċenti; inħabrek biex issaltan il-paċi bejn individwi u entitajiet differenti; ninsisti biex il-fidi tal-Maltin ta' Malta tibqa' soda;

inqajjem mill-ġdid il-fidi tal-Maltin imbegħda minn pajjiżhom; u inxandar l-aħbar it-tajba fejn għadha ma waslitx.

Fil-fatt Ġużeppi De Piro wettaq dan kollu.

*ikompli minn paġna 1*

Wara l-Milied kien imiss il-Perù. Hawn, barra d-diversi parroċċi qalb il-muntanji Andini f'Arequipa, għandna wkoll id-dar tal-formazzjoni u parroċċa oħra fil-kapitali Lima. Minħabba l-faqar li jinsabu fihom il-parroċċi tagħna, ix-xogħol tal-missjunarju hawn jinkudi wkoll ħafna ħidma soċjali bħal ma huma bini u tmexxija ta' skejjel u kliniċi. Mill-Perù s-Superjur għandu jmur il-Kanada, u mbagħad jispiċċa l-viżta tiegħu f'Malta.

Inħeġġukom titolbu biex din iż-żjara tas-Superjur tħalli l-ġid mixtieq kemm fost il-membri kif ukoll għall-missjoni afdata f'idejna.

Fr. Mario Micallef mssp.
Vigarju Generali



**Il-fqar ta' Manilla**

# Jiktbilna Fr. Lonnie Borg mill-Filippini

*Mela ftit ilu ħriġt filgħodu u kont sejjer għand l-ispiżjar, ftit il-bogħod mid-dar tagħna ġewwa New Manila.*

Wara li kont imxejt xi għaxar minuti, smajt leħen ta' mara, "Father, Father, maganda umaga po." "Father, il-jum it-tajjeb." Ħarist lura u nara mara u raġel fuq il-bankina taħt siġra quddiem ir-rixtellu tal- Maryhill School of Theology. Huma kellhom il-kareton, speċi ta' karru biex jiġbru l-imbarazz; bħala d-dar tagħhom kellhom xi ħaġa mogħtija b`biċċa plastic u taħtha żewġt iklieb, laned u bottijiet vojta, kartun gazzetti u fliexken tal-plastik. Xejn aktar ma għandhom. Jgħixu fit-toroq tal-Metro Manila. Ir-raġel kont rajtu xi drabi oħra għax ġieli kien ġie d-dar tagħna jittallab xi ħaġa tal-ikel. Il-mara kienet qiegħeda ssajjar ftit ross ġo bott tal-ħalib vojt. Innutajt ukoll li din il-mara fuq il-bankina kellha speċi ta' tilar żgħir u kienet tbiegħ xi sigarretti, ħelu, chewing gum u xi ftit banana. Kienet qed tipprova taqla' xi ħaġa biex tgħix, kif ngħidu, żżomm ir-rota ddur. Din hi stampa reali u komuni, storja ta' uġiegħ il-qalb.

Din hija r-realtà għal eluf ta' nies ġewwa l-belt kapitali tal-Filippini, barra l-karrozzi, jeepneys, trakkijiet, sħana u xemx, xita u maltemp, trab u kull xorta ta' pollution, nies għaddejjin u storbju 24 siegħa kuljum.

Xi prezz qed iħallsu dawn in-nies fqar biex jgħixu il-ħajja ta' kuljum. Il-mard, it-tbatija u l-mewt huma dejjem qrib tagħhom.

Grazzi tal-għajnuna li tagħtuna għal dawn ħutna fil-bżonn.

# L-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet Reliġjużi u MSSP No.1

Wara li għaddiet is-sena ċentinarja, li fiha irringrazzjajna 'l Alla u lil tant qraba, ħbieb u benefatturi tagħna, xieraq li ngħidu grazzi li dawk l-Ordnijiet jew Kongregazzjonijiet Reliġjużi, irġiel u nisa, għal kontribut li taw lis-Soċjetà tagħna, fil-bidu tagħha u wara. Xejn inqas lil dawk li ħadmu magħna fl-istess ministeru. Ta' min insellmu ukoll lil dawk ir-reliġjużi fejn aħna dħalna naħdmu warajhom.

# Il-Patrijiet Karmelitani
## Ftit tal-istorja

*Il-formazzjoni tan-novizzi u l-istudenti mill-bidunett kienet il-priorità tal-fundatur tagħna. Wieħed mill-ewwel membri, Fra Gilormu Gatt, waslilna numru ta' konferenzi li Mons. De Piro kien ta lin-novizzi fis-sena 1929-1930.*



**P. Elizew Ruggier**



**P. Albert M. Zammit**

Biss il-Fundatur, minħabba li kien mgħobbi sew bi dmirijiet oħra ekklesjatiċi, kien qed iħoss li mhux qed jagħti attenzjoni li jixtieq lill-formazzjoni ta' dawn il-kjeriċi. Dan ġalu jaqsam din il-problema mal-Arċisqof Mawru Caruana. Għalhekk l-Arċisqof ħatar bħala viżitatur lil Patri Furci, saċerdot Ġiżwita



**P. Karm Zahra**

ħalli jagħmel viżta fid-dar tal-Imdina u jara x'soluzjoni setgħet tinstab. Il-fehma tal-viżitatur kienet li d-dar kellha bżonn ta' saċerdot li jkun joqgħod dejjem fid-dar. Għalhekk l-Arċisqof stess kien tal-parir li De Piro jagħmel talba lil xi Ordni Reliġjuż ħalli jintbagħtilhom xi saċerdot reliġjuż li jgħin fil-formazzjoni ta' dawk iż-żgħażagħ.

L-ewwel ħsieb ta' Mons. De Piro kien li jirrikorri għand il-partijiet Karmelitani, li diġà, permezz ta' tlett patrijiet, Karm Zahra, Albert Zammit u Eliżew Ruggieri, kienu qed jgħinu lill-istudenti billi jmorru jqarruhom u aktar u aktar għax dawn il-patrijiet kellhom il-kunvent tagħhom ġewwa l-Imdina.

Biss il-parir ta' Patri Furci kien li min imur irid jibqa' jgħix fid-dar mal-istudenti u hekk ukoll kienet ix-xewqa tal-Fundatur. Imma l-partijiet Karmelitani, kontra qalbuhom, ma setgħux jaċċettaw għax dan kien ifisser li l-patri kellu jħalli il-kunvent.



**Il-kunvent tal-Karmnu tal-Imdina**

*Dan it-tagħrif ġie meħud mill-ktieb ta' Fr. Alex. Bonnici o.f.m.cov,"Mons. G. De Piro" vol I u II

Jissokta fil-ħarġa li jmiss.